KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fis-17 ta' Ġunju 2007 [1]

1. Peremzz ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Gerechtshof te Amsterdam (Qorti ta' l-Appell ta' Amsterdam, l-Olanda) titlob essenzjalment lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża jekk leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik Olandiża, li teżenta mit-taxxa f'ras il-għajn id-dividendi mħallsa minn kumpanniji stabbiliti fl-Olanda lil kumpanniji li huma stabbiliti hemmhekk jew li għandhom stabbiliment permanenti hemm, filwaqt li tapplika din it-tip ta' taxxa għad-dividendi mħallsa lil kumpanniji mhux residenti, tmurx kontra l-Artikoli 56 KE u 58 KE.

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju rilevanti*

2. L-Artikolu 56 KE jistabbilixxi dan li ġej:

"1. Fil-kwadru tad-dispożizzjonijiet indikati f'dan il-Kapitolu, kull restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tkun projbita. [...]"

3. Madankollu, l-Artikolu 58 KE, għal dak li huwa rilevanti hawn, jipprovdi li:

"1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 56 KE m'għandhomx jippreġudikaw id-dritt ta' l-Istati Membri:

a) li japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn persuni li jħallsu t-taxxa li mhumiex fl-istess sitwazzjoni rigward il-post ta' residenza tagħhom jew rigward il-post fejn il-kapital tagħhom ikun investit;

[...]

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

3. Il-miżuri u l-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu ta' kapital u ħlasijiet kif definit fl-Artikolu 56."

4. Id-Direttiva 90/435/KEE teżenta mit-taxxa f'ras il-għajn id-dividendi mħallsa minn kumpannija sussidjarja lill-kumpannija *parent* tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor, meta din ta' l-aħħar ikollha sehem minimu ta' 25 % fil-kapitali tal-kumpannija sussidjarja tagħha [2].

B — *Id-dritt nazzjonali*

5. L-Artikolu 1(1) tal-*Wet op de dividendbelasting 1965*, (liġi dwar it-taxxa fuq id-dividendi ta' l-1965, iktar 'il quddiem: il-"Wet DB"), jipprovdi, b'mod ġenerali, għal taxxa ta' 25 % fuq id-dividendi mqassma minn kumpanniji stabbiliti fl-Olanda li għandhom il-kapital kollu tagħhom jew parti minnu maqsum f'ishma.

6. Madankollu l-Artikolu 4 tal-Wet DB, fil-parti rilevanti hawnhekk, jipprovdi li:

"It-taxxa ma tistax tinġabar mid-dħul minn ishma (...) fil-każ fejn tkun applikabbli l-eżenzjoni ta' ismha imsemmija fl-Artikolu 13 tal-*Wet op de vennootschapsbelasting* 1969 [liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji ta' l-1969] għall-profitti li l-benefiċjarju jikseb minn ishma, ċertifikati ta' dividendi jew self u l-ishma jifformaw parti mill-patrimonju tal-kumpannija tiegħu ġestita fl-Olanda. L-ewwel fażi ma tapplikax fir-rigward tal-profitti li fir-rigward tagħhom il-benefiċjarju mhuwiex il-benefiċjarju effettiv" [3].

7. Barra minn hekk, l-Artikolu 4a tal-Wet DB, introdott wara l-adozzjoni tad-Direttiva 90/435 jipprovdi għall-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dividendi fil-każ li dawn jitħallsu lill-azzjonisti stabbiliti fl-Unjoni Ewropea li għandhom numru ta' ishma li jammonta mill-anqas għal 25 % tal-kapital ta' kumpannija Olandiża.

8. Din l-eżenzjoni hija estiża għall-azzjonisti stabbiliti fl-UE li għandhom numru ta' ishma li jammonta mill-anqas għal 10 % jekk anke l-

2 — L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti fil-verżjoni fis-seħħ fiż-żmien li fih ġraw il-fatti li jikkostitwixxu s-suġġett tal-kawża prinċipali (ĠU L 225, p. 6). Din id-dispożizzjoni ġiet suċċessivament emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2003/123/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 (ĠU L 7, p. 41).

3 — Traduzzjoni mhux uffiċjali.

Istat Membru li fih huwa stabbilit l-azzjonista japplika l-imsemmija eżenzjoni għall-istess perċentwali ta' ishma [4].

9. L-imsemmi Artikolu 13 tal-*Wet op de vennootschapsbelasting 1969* (iktar 'il quddiem: il-"Wet Vpb") jistabbilixxi li, b'mod ġenerali, jeżisti sehem meta l-perunsa taxxabbli jkollha mill-anqas 5 % tal-kapitali nominali, maqsum kollu jew parzjalment f'ishma, ta' kumpannija [5].

C — Il-ftehim fiskali bejn l-Olanda u l-Portugall

10. L-Artikolu 10, tal-ftehim ta' l-20 ta' Settembru 1999, konkluż f'Porto bejn il-Portugall u l-Olanda intiż sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja u għall-prevenzjoni ta' l-evażjoni tat-taxxi fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul u tat-taxxa fuq il-kapital, (*double taxation agreement*, iktar 'il quddiem id-"DTA"), jipprovdi li d-dividendi mħallsa minn kumpannija li għandha uffiċċju rreġistrat f'wieħed mill-Istati kontraenti lil azzjonista residenti fl-Istat l-ieħor huma, bħala regola, taxxabbli f'dan l-aħħar Stat.

11. Dawn id-dividendi jistgħu, f'kull każ, jiġu ntaxxati fl-Istat fejn għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha l-kumpannija li qiegħda tqassam. F'tali każ, madankollu, it-taxxa mħallsa ma tistax taqbeż l-10 % ta' l-ammont gross tad-dividendi.

12. L-Artikolu 24 tad-DTA jipprovdi li sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja, il-Portugall jikkonċedi tnaqqis tat-taxxa miġbura fl-Olanda fuq id-dividendi ta' oriġini Olandiża mqassma lir-residenti tiegħu, fil-limitu ta' l-ammont tat-taxxa Portugiża li altrimenti kienet tkun dovuta fuq tali dividendi.

II — Il-fatti, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. Fiż-żmien meta seħħew il-fatti Amurta S. G.P.S., kumpannija b'uffiċċju rreġistrat fil-Portugall (iktar 'il quddiem "Amurta") kellha 14 % tal-kapital ta' Retailbox BV (iktar 'il quddiem "Retailbox"), kumpannija Olandiża, li l-azzjonisti tagħha kienu, ukoll Sonaetelecom BV, anke din Olandiża, b'66 % tal-kapital, Tafin S.G.P.S u Persin S.G.P.S., it-tnejn b'uffiċċju rreġistrat fil-Portugall, rispettivament b'14 u 6 % tal-kapital.

4 — Jirriżulta mid-digriet ta' rinviju li tali tnaqqis ma japplikax għall-azzjonisti li jirrisjedu fil-Portugall.

5 — Is-sehem jitnaqqas għal anqas minn 5 % fil-każ fejn iż-żamma ta' l-ismha hija skond il-prassi normali ta' l-attivitajiet ta' l-impriża mmaniġġjata mill-persuna taxxabbli, fi kliem ieħor ix-xiri tagħhom serva għall-interess ġenerali.

14. Fil-31 ta' Diċembru 2002 Retailbox ħallset lill-azzjonijisti tagħha xi dividendi li fuqhom żammet, sabiex titħallas it-taxxa f'ras il-għajn, ammont ekwivalenti għal 25 %, bl-eċċezzjoni tad-dividend imħallas lil Sonaetelecom BV, li fuqha, b'applikazzjoni ta' l-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tal-Wet DB, ma kienet titħallas l-ebda taxxa f'ras il-għajn.

15. Fit-30 ta' Jannar 2003, Retailbox, f'isem Amurta, ippreżentat ilment quddiem l-*Inspecteur van de Belastingdienst Amsterdam* (iktar 'il quddiem l-"Inspecteur") kontra l-ħlas tat-taxxa dovut fuq id-dividend imħallas lil din ta' l-aħħar. Dan l-ilment ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni ta' l-Inspecteur.

16. Amurta ppreżentat appell quddiem il-*Gereschtshof te Amsterdam* sabiex tiġi annullata l-imsemmija deċiżjoni u tikseb ir-rifużjoni tat-taxxa mħallsa fuq id-dividendi.

17. Il-qorti tar-rinviju, billi kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Olandiża f'dan il-qasam ma' l-Artikoli 56 KE u 58 KE, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri pendenti quddiemha u li tagħmel is-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tal-*Wet op de dividendbelasting* (ligi dwar it-taxxa fuq id-dividendi ta' l-1965), kif deskritta fil-paragrafi [...] ta' dan id-digriet, flimkien ma' l-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 4a ta' l-istess liġi tmur kontra d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-kapital (Artikoli 56 KE sa 58 KE) tat-Trattat KE, billi din l-eżenzjoni tapplika biss għall-ħlas ta' dividendi li jsir fil-konfront ta' azzjonisti suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji fl-Olanda jew għall-azzjonisti barranin li għandhom stabbiliment permanenti fl-Olanda u li l-ishma tagħhom jagħmlu parti mill-patrimonju ta' tali stabbiliment permanenti, u li fir-rigward tagħhom tapplika l-eżenzjoni ta' l-ishma msemmija fl-Artikolu 13 tal-*Wet op de vennootschapbelasting 1969* (ligi dwar it-taxxa fuq id-dividendi ta' l-1965)?

2) Għall-finijiet tar-risposta għad-domanda magħmula fil-punt (preċedenti) huwa rilevanti l-fatt li l-Istat ta' residenza ta' l-azzjonista/kumpanniji barranin, li għalihom ma tapplikax l-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tal-liġi ta' 1965, jagħti lil tali azzjonista/kumpannija kreditu ta' taxxa (*full credit*) għat-taxxa fuq id-dividendi mħallsa fl-Olanda?"

18. Abbażi ta' l-Artikolu 23 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub Amurta, il-Kummissjoni, l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA, il-Gvern

Olandiż, il-Gvern Britanniku u l-Gvern Taljan. Waqt is-seduta kienu rrappreżentati Amurta, il-Kummissjoni, l-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA, kif ukoll il-Gvern Olandiż, il-Gvern Ġermaniż u l-Gvern Britanniku.

III — Analiżi legali

19. L-ewwel nett, għandu jiġi osservat li l-leġiżlazzjoni in eżami tikkonċerna t-taxxi diretti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skond ġurisprudenza kostanti, anke jekk it-taxxa diretta taqa' taħt il-kompetenza ta' l-Istati Membri, l-eżerċizzju tagħha huwa madankollu limitat mill-osservanza tal-prinċipji Komunitarji fosthom il-libertajiet fundamentali li fuqhom huma bbażati l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern [6].

20. Fil-każ preżenti, il-leġiżlazzjoni nazzjonali in kwistjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-moviment liberu tal-kapital, billi dawn huma dispożizzjonijiet dwar it-tassazzjoni ta' dividendi mqassma lil kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dak fejn il-kumpannija distributriċi għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha, jew kif affermat il-Qorti tal-Ġustizzja, operazzjonijiet indissolubilment marbuta mal-moviment ta' kapital [7].

A — *Fuq l-ewwel domanda*

21. Bl-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, il-leġiżlazzjoni in eżami, li tissuġġetta għal taxxa f'ras il-għajn id-dividendi mħallsin minn kumpannija Olandiża lil kumpanniji li m'għandhomx uffiċċju rreġistrat jew stabbiliment permanenti fl-Olanda iżda mhux dawk imħallsin lil kumpanniji stabbiliti hemm, tmurx kontra l-moviment liberu tal-kapital [8].

22. Qabel ma ngħaddi għall-mertu tal-kwistjoni li għandha tiġi riżolta, huwa opportun li jsiru xi kunsiderazzjonijiet ta' natura ġenerali dwar il-modalitajiet ta' tassazzjoni tal-profitti mqassma mill-kumpanniji [9].

6 — Ara, *ex multis*, is-sentenzi tas-6 ta' Ġunju 2000, Verkooijen (C-35/98, Ġabra p. I-4071, punt 32); tas-7 ta' Settembru 2004, Manninen (C-319/02, Ġabra p. I-7477, punt 19), u tat-23 ta' Frar 2006, Keller Holding (C- 471/04, Ġabra p. I-2107, punt 28).

7 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Verkooijen, iċċitata iktar 'il fuq, punti 29 u 30.

8 — Kif ġustament irrilevat il-qorti nazzjonali, minħabba s-sehem insinifikanti (14 %) u n-nuqqas ta' elementi oħra li minnhom jista' jiġi konkluż li Amurta għandha poter deċiżjonali fuq l-attività ta' Retailbox, ma jistax jiġi kkunsidrat li permezz ta' l-imsemmi sehem tiġi eżerċitata l-libertà ta' stabbiliment.

9 — Fuq il-livelli ta' tassazzjoni tad-dividendi fis-suq intern, ara, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Geelhoed, tat-23 ta' Frar 2006, ippreżentati fil-kawża Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, C-374/04, Ġabra p. I-11673), tas-6 ta' April 2006, ippreżentati fil-kawża Kerckhaert u Morres (sentenza ta' l-14 ta' Novembru 2006, C-513/04, Ġabra p. I-10967), u tas-27 ta' April 2006, ippreżentati fil-kawża Denkavit Internationaal u Denkavit France (sentenza ta' l-14 ta' Diċembru 2006, C-170/05, Ġabra, p. I-11949).

23. Il-profitti tal-kumpannija mqassma fil-forma ta' dividendi huma, b'mod ġenerali, intaxxati fuq żewġ livelli. L-ewwel, fil-kuntest tat-taxxa fuq il-kumpanniji, bħala profitti tal-kumpannija distributriċi u suċċessivament fil-livell ta' l-azzjonista. It-tieni livell ta' tassazjoni jista' jieħu żewġ forom, dik tat-taxxa fuq id-dħul ta' l-azzjonista li jirċievi d-dividendi u/jew dik ta' taxxa f'ras il-għajn miġbura mill-kumpannija distributriċi għannom ta' l-azzjonista fil-mument tad-tqassim tad-dividendi.

24. L-eżistenza ta' żewġ livelli potenzjali ta' tassazzjoni tista' tagħti lok, minn naħa waħda, għal tassazzjoni ekonomika doppja, (tassazzjoni doppja ta' l-istess dħul dovuta minn żewġ persuni taxxabbli differenti), min-naħa l-oħra, għal tassazzjoni legali doppja (tassazzjoni doppja ta' l-istess dħul dovuta mill-istess persuna taxxabbli f'żewġ Stati differenti). Per eżempju, ikun hemm tassazzjoni ekonomika doppja meta l-profitti tal-kumpannija distributriċi jiġu ntaxxati fil-kuntest tat-taxxa fuq il-kumpanniji, u suċċessivament, f'idejn l-azzjonista li huwa suġġett għat-taxxa fuq id-dħul mill-profitti mqassma fil-forma ta' dividendi. Minflok, it-tassazzjoni legali doppja sseħħ meta l-azzjonista huwa suġġett, l-ewwel għat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi li jirċievi u mbagħad għat-taxxa fuq il-profitti, imħallsa fi Stat ieħor.

25. B'referenza għal dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlazzjoni Olandiża in eżami tipprova telimina t-tassazzjoni doppja tal-profitti ta' kumpannija mqassma fil-forma ta' dividendi. Fil-fatt, l-Artikolu 4 tal-Wet DB moqri flimkien ma' l-Artikolu 13 tal-Wet Vpb jipprovdi għall-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn tal-25 % għad-dividendi mħallsa minn kumpanniji Olandiżi lill-azzjonisti-kumpanniji li għandhom sehem ta' mill-anqas 5 % u l-uffiċċju rreġistrat, jew stabbiliment permanenti fl-Olanda. Fir-rigward tal-kumpanniji li mhumiex stabbiliti fl-Olanda, l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi riċevuti minn kumpanniji Olandiżi hija prevista esklużivament fil-każ ta' sehem fil-kapitali ta' dawn ta' l-aħħar, ta' mill-anqas 25 % (Artikolu 4a tal-Wet DB).

26. Minn dan jirriżulta li fil-kuntest tat-tassazzjoni tad-dividendi, tali leġiżlazzjoni tinvolvi trattament ta' żvantaġġ għall-kumpanniji li mhumiex stabbiliti fl-Olanda li għandhom sehem bejn il-5 u l-25 % f'kumpannija Olandiża, meta mqabbel ma' dak riżervat għall-kumpanniji Olandiżi li għandhom l-istess tip ta' sehem u li, bil-kontra ta' kumpanniji li mhumiex stabbiliti fl-Olanda, igawdu minn eżenzjoni totali mit-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi riċevuti.

27. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk tali differenza fit-trattament tmurx kontra

l-prinċipji tal-moviment liberu tal-kapital [10].

28. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 56(1) KE jiggarantixxi l-projbizzjoni ta' kull restrizzjoni fuq il-movimenti tal-kapital bejn l-Istati Membri — *restrizzjoni* tfisser kull miżuri li tagħmel it-trasferiment transkonfini ta' kapital iktar oneruż u jew anqas attraenti u għalhekk hija tali li tiddiswadi lill-investitur – salv f'każ li teżisti waħda mir-raġunijiet ta' ġustifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 58 KE [11].

29. B'mod partikolari, l-Artikolu 58(1)(a) KE jippermetti lill-Istati Membri "li japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn persuni li jħallsu t-taxxa li mhumiex fl-istess sitwazzjoni rigward il-post ta' residenza tagħhom jew rigward il-post fejn il-kapital tagħhom ikun investit".

30. Id-deroga mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 56(1) KE, hekk ikkonkretata mill-Artikolu 58(1)(a) KE, hija madankollu limitata mit-tielet paragrafu ta' din it-tieni dispożizzjoni, li jistipula li l-miżuri u d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma jistgħux jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu ta' kapital.

31. Barra minn hekk, billi affermat li l-eċċezzjonijiet għall-moviment liberu ta' kapital previsti mill-Artikolu 73D(3) KE (illum l-Artikolu 58(1) KE) kienu diġà ġew ammessi fis-sentenzi tagħha qabel ma daħlet fis-seħħ din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li din tikkostitwixxi l-kodifikazzjoni fuq pjan leġiżlattiv ta' prinċipju fundamentali li ġie espress, diġà qabel l-introduzzjoni tiegħu, mill-ġurisprudenza anki b'referenza għal libertajiet fundamentali oħra. Għaldaqstant tali regola, għandha tiġi interpretata wkoll fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza [12].

32. Minn dan jirriżulta li r-restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-kapital imsemmija fl-Artikolu 58(1)(a), minbarra li huma limitati mill-prinċipji kodifikati fit-tielet paragrafu ta' l-imsemmija dispożizzjoni, huma suġġetti għar-restrizzjonijiet imfassla mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

10 — Kif se naraw iktar fid-dettall iktar 'il quddiem fl-analiżi, għalkemm huwa veru li d-Direttiva 90/435 (Direttiva tal-kumpanniji *parent* u sussidjarji), fil-verżjoni rilevanti hawnhekk, tipprojbixxi l-impożizzjoni ta' taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi mħallsa minn kumpannija sussidjarja lill-kumpannija *parent* stabbilita fi Stat Membru ieħor biss fil-każ ta' sehem kwalifikat (mill-anqas 25 % tal-kapital tal-kumpannija sussidjarja), minn dan il-fatt ma jistax jiġi dedott *a contrario*, kif tissuġġerixxi l-qorti tar-rinviju sostnuta mill-Gvern Olandiż, li t-tassazzjoni hija permessa fil-każijiet l-oħra kollha, bil-konsegwenza li eventwali differenza fit-trattament tar-relazzjonijiet bejn il-kumpanniji *parent*-sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri differenti għandha tiġi attribwita biss għall-koeżistenza ta' sistemi fiskali differenti. Għalkemm huwa veru li huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw jekk u b'liema mod, fil-każ ta' ismha li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-imsemmija Direttiva, għandhom jeliminaw it-tassazzjoni doppja, fl-eżerċizzju ta' tali kompetenza, dawn ta' l-aħħar huma, madankollu, marbuta li jirrispettaw il-prinċipji Komunitarji, li fosthom jinsabu l-libertajiet fundamentali.

11 — Sentenza tas-16 ta' Marzu 1999, Trummer u Mayer, (C-222/97, Ġabra p. I-1661, punt 26).

12 — Ara s-sentenza Verkooijen, iċċitata iktar 'il fuq, punt 43.

33. Issa, b'referenza għal-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali bħal dik in kwistjoni, li tagħmel distinzjoni fit-tassazzjoni tad-dividendi abbażi ta' l-uffiċċju rreġistrat ta' l-azzjonijista li jirċevihom, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li sabiex tali sistemi fiskali jistgħu jiġu kkunsidrati kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, jeħtieġ li d-differenza fit-trattament tikkonċerna sitwazzjonijiet li oġġettivament ma jistgħux jiġu pparagunati jew tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bil-kundizzjoni li ma teċċedix dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan imfittex [13].

A — Fuq il-komparabbiltà ta' sitwazzjoni

34. Kif ġie osservat iktar 'il fuq, id-dispożizzjonijiet nazzjonali in eżami jittrattaw b'mod differenti d-dividendi mħallsa minn kumpanniji Olandiżi skond jekk dawn jitħallsux lil kumpanniji residenti jew lil kumpanniji li mhumiex residenti fl-Olanda [14].

35. Fil-qasam ta' taxxi diretti, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li differenza fit-trattament abbażi tar-residenza mhijiex fiha nfisha diskriminatorja, minħabba li bħala regola, tali kriterju jindika konnessjoni tal-persuna taxxabbli mal-pajjiż ta' oriġini u jista' għaldaqstant, jiġġustifika trattament fiskali differenzjat [15].

36. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta jkun hemm vantaġġ fiskali li l-benefiċċju tiegħu jiġi miċħud lil min mhuwiex residenti, differenza fit-trattament bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni taxxabbli tista' tiġi kkwalifikata bħala diskriminazzjoni skond it-Trattat meta ma teżisti l-ebda differenza oġġettiva fis-sitwazzjoni li tkun tali li tiġġustifika differenza fit-trattament fuq tali punt bejn iż-żewġ kategoriji ta' persuni taxxabbli [16].

37. Skond ir-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja, tista' teżisti diskriminazzjoni bejn ir-residenti u dawk li mhumiex residenti jekk, minkejja r-residenza tagħhom fi Stati Membri differenti, jiġi aċċertat li ż-żewġ kategoriji ta' persuni taxxabbli jinsabu f'sitwazzjoni simili fir-rigward tal-kontenut u ta' l-għan tad-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti [17].

13 — Ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2004, Lenz (C-315/02, Ġabra p. I-7063, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 — Abbażi tal-leġiżlazzjoni Olandiża in kwistjoni, fil-fatt, il-kumpanniji li m'għandhomx uffiċċju rreġistrat fl-Olanda jistgħu biss jibbenefikaw minn vantaġġi li jirrigwardaw it-tassazzjoni tad-dividendi li jgawdu minnhom il-kumpanniji li għandhom uffiċċju rreġistrat hemm, biss jekk ikollhom stabbiliment permanenti fl-Olanda li minnu jagħmlu parti l-ishma ta' kumpanniji Olandiżi.

15 — Ara s-sentenzi ta' l-14 ta' Frar 1995, Schumacker (C-279/93, Ġabra p. I-225, punt 31 sa 34); tal-11 ta' Awissu 1995, Wielockx (C-80/94, Ġabra p. I-2493, punt 18); tas-27 ta' Ġunju 1996, Asscher (C-107/94, Ġabra p. I-3089, punt 41), u tad-29 ta' April 1999, Royal Bank of Scotland (C-311/97, Ġabra p. I-2651, punt 27).

16 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Schumacker, punti 36 sa 38; Asscher, punt 42, u Royal Bank of Scotland, punt 27 *et seq.*

17 — Sentenza ta' l-14 ta' Settembru 1999, Gschwind (C-391/97, Ġabra p. I-5451, punt 26).

38. Għalhekk jeħtieġ li jiġi aċċertat jekk, *fir-rigward tal-funzjoni tal-leġiżlazzjoni in kwistjoni*, teżistix differenza oġġettiva fis-sitwazzjoni ta' l-azzjonisti-kumpanniji residenti u ta' dawk li mhumiex residenti fl-Olanda li hemmhekk jirċievu dividendi mqassma minn kumpannija Olandiża li fiha għandhom sehem.

39. Għandu jiġi rrilevat li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi in kwistjoni għandhom bħala skop l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni ekonomika doppja imposta fuq profitti mqassma minn kumpanniji Olandiżi.

40. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat li, fir-rigward tal-miżuri adottati minn Stat sabiex jipprevjeni jew inaqqas sensiela ta' taxxi jew it-tassazzjoni doppja fuq profitti mqassma minn kumpannija residenti, l-azzjonisti benefiċjarji ma jinsabux neċessarjament f'sitwazzjoni simili għal dik ta' azzjonisti benefiċarji li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor [18].

41. Fil-fatt, kif tirrileva l-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istat ta' residenza ta' kumpannija distributriċi jaġixxi, ġeneralment, fil-konfront ta' l-azzjonista li mhuwiex residenti, fil-kwalità ta' "Stat ta' oriġini", billi jeżerċita setgħa ta' tassazzjoni limitata biss għad-dħul tal-persuna li mhijiex residenti li jinkiseb fit-territorju tiegħu. Li tali Stat jintalab jipprovdi għall-eliminazzjoni tat-tassazzjoni ekonomika doppja jew għal sensiela ta' taxxi, li jolqtu l-profitti mqassma lill-azzjonista li mhuwiex residenti jkun jekwivali għal obbligu fuq dan l-Istat li jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jintaxxa dħul ġenerat minn attività ekonomika eżerċitata fit-territorju tiegħu [19]. Minflok, bħala regola, huwa l-Istat ta' residenza ta' l-azzjonista li huwa fl-aħjar pożizzjoni biex jagħti lil dan ta' l-aħħar vantaġġ fiskali tali li jtaffi jew jipprevjeni t-tassazzjoni ekonomika doppja jew l-impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi. Fil-fatt, fil-każ ta' persuna fiżika azzjonista, huwa l-Istat ta' residenza li jinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex jevalwa l-kapaċità ta' l-imsemmi azzjonista li jħallas it-taxxa [20]. B'referenza għad-dividendi riċevuti minn kumpannija, għandha tissemma' d-Direttiva 90/435, l-Artikolu 4(1) tagħha jimponi fuq l-Istat Membru tal-kumpannija *parent* li tirċievi profitti mqassma minn kumpannija sussidjarja li tirrisjedi fi Stat Membru ieħor, u mhux fuq dan ta' l-aħħar, l-obbligu li jevita t-tassazzjoni doppja, u jagħmel dan billi jippermetti lill-Istat tal-kumpannija *parent* li jagħżel bejn li jastjeni milli jissuġġetta tali profitti għat-taxxa, jew li jintaxxahom u jippermetti madankollu lill-kumpannija *parent* tnaqqas mill-ammont ta' taxxa tagħha l-porzjon tat-taxxa tal-kumpannija sussidjarja marbut ma' dawn il-profitti u, jekk ikun xieraq, l-ammont tat-taxxa f'ras il-għajn imposta mill-Istat Membru li fih tirrisjedi l-kumpannija sussidjarja [21].

42. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, "mill-mument meta Stat Membru,

18 — Ara s-sentenzi Denkavit International u Denkavit France, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34, u Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punti 57-65.

19 — Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 59.

20 — Dan l-aħħar prinċipju ġie affermat fis-sentenza Schumacker, iċċitata iktar 'il fuq.

21 — Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60.

b'mod unilaterali jew permezz ta' ftehim, jissuġġetta għat-taxxa fuq id-dħul mhux biss l-azzjonisti residenti, iżda wkoll l-azzjonisti li mhumiex residenti, għad-dividendi li huma jirċievu minn kumpannija residenti, is-sitwazzjoni ta' l-imsemmija azzjonisti li mhumiex residenti ssir simili għal dik ta' l-azzjonisti residenti" [22].

43. F'tali ipoteżi, fil-fatt, għalkemm fil-kuntest tal-kompetenza tiegħu ta' "Stat ta' oriġini", l-Istat fejn għandha uffiċċju rreġistrat il-kumpannija li tqassam jeżerċita setgħa ta' tassazzjoni fil-konfront ta' l-azzjonijisti li mhumiex residenti, ta' tip mhux differenti minn dik eżerċitata fil-konfront tar-residenti, u b'hekk jagħti lok, fl-eżerċizzju esklużiv tal-kompetenza fiskali tiegħu, għal tassazzjoni doppja b'referenza għaż-żewġ kategoriji ta' persuni taxxabbli.

44. Quddiem sitwazzjonijiet simili bejn azzjonisti residenti u dawk li mhumiex residenti, "l-Istat ta' oriġini" jkollu l-obbligu li jestendi għal dawk li mhumiex residenti benefiċċji fiskali ekwivalenti għal dawk mogħtija lir-residenti jekk dawk ta' l-ewwel jiġu milquta minn tassazzjoni doppja, li ġejja mill-eżerċizzju tal-kompetenza fiskali tiegħu, simili għal dik li tolqot lit-tieni.

45. Għaldaqstant, meta, bħal fil-każ preżenti, l-"Istat ta' oriġini" jiddeċiedi li jeżenta lir-residenti tiegħu mit-tassazzjoni doppja interna, u jeżentahom mit-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi riċevuti minn kumpannija Olandiża, l-imsemmi Stat għandu jestendi tali eżenzjoni għal dawk li mhumiex residenti minħabba li anke dawn huma milquta millistess tassazzjoni doppja interna li ġejja mill-eżerċizzju tal-kompetenza fiskali tiegħu fuqhom.

46. Mill-analiżi magħmulha s'issa jirriżulta li minħabba li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi in kwistjoni ma jagħtux eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn fir-rigward tad-dividendi mħallsa lill-azzjonisti li mhumiex residenti fl-Olanda, filwaqt li jipprovdu għal tali eżenzjoni fir-rigward tad-dividendi riċevuti minn azzjonisti residenti, dawn jikkostitwixxu diskriminazzjoni arbitrarja li tmur kontra l-Artikoli 56 KE u 58 KE [23].

47. Madankollu, il-Gvern Taljan u dak Britanniku huma ta' l-opinjoni li d-differenza fit-trattament li ssir mil-leġiżlazzjoni in kwistjoni għad-dannu ta' min mhuwiex residenti hija biss konsegwenza tat-tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Olanda u l-Portugall.

22 — *Ibid*, punti 68 sa 70.

23 — Il-Qorti ta' l-EFTA waslet għal soluzzjoni simili fis-sentenza tat-23 ta' Novembru 2004, Fokus Bank (E-1/04, aċċessibbli fuq is-sit ta' l-internet www.eftacourt.lu), fejn ikkunsidrat leġiżlazzjoni Norveġiża li kienet tirrikonoxxi biss lill-azzjonisti stabbiliti fin-Norveġja kreditu ta' taxxa fuq id-dividendi riċevuti hemm, bħala kuntrarja għall-Artikolu 40 tal-Ftehim ŻEE, ekwivalenti għall-Artikolu 56 KE (Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea; ĠU 1994, L 1, p. 3).

48. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jsiru xi preċiżazzjonijiet.

49. Skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 220 tat-Trattat KE (li sar it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 293 KE) "l-Istati Membri għandhom, safejn ikun meħtieġ, jieħdu sehem f'negozjati ma' xulxin bil-għan li jassiguraw għaċ-ċittadini tagħhom l-abolizzjoni tat-tassazzjoni doppja fil-Komunità".

50. Tali dispożizzjoni ta' natura programmatika għadha ma ġietx implementata s'issa. Fl-istat tiegħu bħalissa, id-dritt Komunitarju, ma jistabbilixxix kriterji ġenerali għat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja fi ħdan il-Komunità. Fil-fatt, minbarra d-Direttiva tal-Kunsill 90/435 [24], il-ftehim 90/436/KEE tat-23 ta' Lulju 1990, dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja fil-każ ta' korrezzjoni tal-profitti ta' impriżi assoċjati [25], u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE, tat-3 ta' Ġunju 2003, dwar tassazzjoni ta' riżervi fuq id-dħul fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax [26], li l-ebda waħda minnhom ma hija applikabbli għal dan il-każ, ebda miżura ta' unifikazzjoni jew ta' armonizzazzjoni intiża li telimina t-tassazzjoni doppja, ma ġiet adottata, sal-lum, fuq livell Komunitarju u lanqas l-Istat Membri ma kkonkludew b'dan l-iskop xi konvenzjoni multilaterali skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 393 tat-Trattat KE [27].

51. Minn dan jirriżulta li, fin-nuqqas ta' miżuri ta' unifikazzjoni jew ta' armonizzazzjoni Komunitarji, l-Istati Membri jibqgħu kompetenti sabiex jiddeterminaw il-kriterji ta' tassazzjoni tad-dħul bil-għan li jeliminaw, jekk ikun il-każ, permezz ta' ftehim, it-tassazzjoni doppja [28]. F'tali kuntest, għall-ewwel, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, li l-Istati Membri kienu ħielsa, fil-qafas ta' ftehim bilaterali, li jistabbilixxu l-fatturi ta' konnessjoni bil-għan li jaqsmu l-kompetenza fiskali bejniethom [29]. F'sentenzi suċċessivi, hija żiedet li tali libertà rikonoxxuta lill-Istati Membri testendi għall-miżuri adottati unilateralment [30].

24 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

25 — ĠU L 225, p. 10.

26 — ĠU L 157, p. 38.

27 — Ara, b'mod partikolari, għal dak li jirrigwarda l-moviment liberu tal-kapital, is-sentenza Kerckhaert u Morres, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22 u, għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 52 tat-Trattat KE, is-sentenza Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51.

28 — Sentenzi tat-12 ta' Mejju 1998, Gilly (C-336/96, Ġabra p. I-2793, punti 24 u 30), kif ukoll tat-12 ta' Diċembru 2002, De Groot (C-385/00, Ġabra, p. I-11819, punt 93), għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 48 tat-Trattat KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 39 KE). Sentenzi tal-21 ta' Settembru 1999, Saint-Gobain ZN (C-307/97, Ġabra p. I-6161, punt 57), għal dak li jirrigwarda l-Artikoli 52 u 58 tat-Trattat KE, u tat-23 ta' Frar 2006, van Hilten-van der Heijden (C-513/03, Ġabra p. I-1957, punt 47), għal dak li jirrigwarda l-moviment liberu tal-kapital.

29 — Sentenzi Gilly, iċċitata iktar 'il fuq, punti 24 sa 30); Saint-Gobain ZN, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58; De Groot, iċċitata iktar 'il fuq, punt 94; tat-3 ta' Ottubru 2006, FKP Scorpio Konzertproduktionen (C-290/04, Ġabra p. I-9461, punt 55); u Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 52.

30 — Għal dak li jirrigwarda l-moviment liberu tal-kapital, ara s-sentenzi ċċitatati iktar 'il fuq van Hilten-van der Heijden, punt 47, u, fir-rigward tal-libertà ta' stabbiliment, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, punt 52.

52. Madankollu, għal dak li jirrigwarda l-eżerċizzju tas-setgħa ta' tassazzjoni, l-Istati Membri huma, f'kull każ, marbuta li jirrispettaw ir-regoli Komunitarji [31].

53. Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, l-Istati Membri huma liberi jiddeċiedu jekk u b'liema mod, b'mod unilaterali jew permezz ta' ftehim internazzjonali, jeliminaw jew jipprevjenu t-tassazzjoni doppja, filwaqt li jibqgħu marbuta bl-istess mod li jirrispettaw il-prinċipji Komunitarji fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' tassazzjoni tagħhom anke meta din ta' l-aħħar tirriżulta minn tqassim bilaterali jew multilaterali, miftiehem minn qabel, tal-kompetenza fiskali bejn l-Istati Membri [32].

54. B'referenza għall-każ in eżami, huwa evidenti li d-diskriminazzjoni li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni Olandiża fuq it-tassazzjoni tad-dividendi fil-konfront tal-kumpanniji li mhumiex residenti, mhijiex riżultat tad-differenzi li jeżistu bejn is-sistemi fiskali nazzjonali rilevanti fil-każ preżenti, u lanqas l-effett tat-tqassim tal-kompetenza fiskali bejn l-Olanda u l-Portugall. Minflok, huwa l-każ, kif intwera iktar 'il fuq, ta' trattament diskriminatorju li huwa riżultat *biss* tal-leġiżlazzjoni Olandiża in kwistjoni, li tiċħad lill-azzjonisti, li mhumiex residenti minn vantaġġ fiskali li minflok igawdu minnu r-residenti, mingħajr ma tali differenza ta' trattament hija ġġustifikata minn elementi oġġettivi rilevanti, meta titqies is-sitwazzjoni simili li fiha qegħdin iż-żewġ kategoriji ta' persuni taxxabbli fir-rigward ta' l-għan u tal-funzjoni tad-dispożizzjonijiet in kwistjoni.

55. Madankollu, se naraw, fl-eżami tat-tieni domanda, liema effett jista' jkollu tqassim adegwat tal-kompetenza fiskali, permezz ta' ftehim dwar it-tassazzjoni doppja, fuq it-tħassir ta' l-effetti diskriminatorji ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik Olandiża in kwistjoni.

56. B'mod sussidjarju, il-Gvern Olandiż u dak Taljan isostnu li l-leġiżlazzjoni in eżami hija ġġustifikata mill-bżonn li tiġi ppreservata l-koerenza tas-sistema fiskali Olandiża. L-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi nazzjonali mqassma minn kumpanniji Olandiżi lil kumpanniji residenti fl-Olanda, fil-fatt tikkostitwixxi, supplement fundamentali ma' l-eżenzjoni ta' ismha mit-taxxa fuq il-kumpanniji (*"participation exemption"*, Artikolu 13 tal-Wet Vpb) li jgawdu minnha l-kumpanniji Olandiżi suġġetti għat-tassazzjoni fl-Olanda mingħajr limitu li mhumiex intaxxati, fil-kuntest ta' tali taxxa, fuq il-profitti li ġejjin minn ishma. B'mod partikolari, tali eżenzjoni hija l-fattur supplementari neċessarju ta' l-esklużjoni tal-

31 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq De Groot, punt 94, u FKP Scorpio Konzertproduktionen, punt 55.

32 — Sentenza De Groot, iċċitata iktar 'il fuq, punti 93 u 94.

profitti mqassma mill-bażi taxxabbli bħala t-taxxa Olandiża fuq il-kumpanniji u timplementa biss semplifikazzjoni amministrattiva, billi tevita li l-ammont miżmum f'ras il-għajn, fil-kuntest tat-taxxa fuq id-dividendi, ikollu suċċessivament jingħata lura fil-kuntest tat-taxxa fuq il-kumpanniji lil min jirċievi d-dividendi li jgawdu mill-hekk imsejħa *"participation exemption"* fl-Olanda. Tali simplifikazzjoni amministrattiva, għaldaqstant, ma tistax tiġi estiża anke lill-azzjonisti li mhumiex residenti fl-Olanda u li mhumiex suġġetti hemmhekk għat-taxxa Olandiża fuq il-kumpanniji.

57. Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat.

58. B'referenza għas-salvagwardja tal-koerenza tas-sistema fiskali nazzjonali, għandu qabel xejn jiġi mfakkar li, minħabba li huwa l-każ ta' kunċett li ġie kkonsolidat fil-ġurisprudenza mis-sentenzi Bachmann u Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet bħala regola li l-imsemmija eżiġenza tikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess pubbliku adatta sabiex tiġġustifika restrizzjoni għall-prinċipji fundamentali dwar il-libertà ta' moviment [33].

59. Fl-imsemmija każijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq il-bażi tal-koerenza tas-sistema fiskali, iġġustifikat leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tissuġġetta t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet għall-assigurazzjoni kontra x-xjuħija u l-mewt bil-kundizzjoni li dawn jitħallsu fl-Istat li kien jippermetti tali tnaqqis. Din il-limitazzjoni kienet iġġustifikata mill-bżonn li jiġi kkumpensat it-telf tad-dħul fiskali dovut għat-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet imħallsa fil-kuntest tal-kuntratti ta' assigurazzjoni bit-tassazzjoni ta' l-ammonti riċevuti fl-eżekuzzjoni ta' l-imsemmija kuntratti, li però ma setgħux jiġu ntaxxati fil-każ ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni stabbiliti barra mill-pajjiż.

60. Minn mindu ngħataw dawn id-deċiżjonijiet, il-protezzjoni tal-koerenza tas-sistema fiskali hija l-ġustifikazzjoni l-iktar invokata mill-Istati Membri fil-qasam ta' taxxi diretti. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja limitat ħafna l-kunċett ta' koerenza fiskali u f'ġurisprudenza kostanti ammettiet li tali eżiġenza tiġġustifika miżura restrittiva tal-libertajiet fundamentali fil-każ li jeżistu tliet kundizzjonijiet distinti: a) l-eżistenza ta' konnessjoni diretta bejn l-għoti ta' vantaġġ fiskali u l-kumpens relattiv permezz tal-ħlas tat-taxxa, b) li t-tnaqqis u l-pagament jiġu effettwati fil-kuntest ta' l-istess tassazzjoni u c) l-applikazzjoni tagħhom fil-konfront ta' l-istess persuna taxxabbli.

61. Applikazzjoni rigoruża ta' din il-ġurisprudenza twassal biex *prima facie* iċċaħħad, fil-każ in eżami, il-benefiċċju tal-ġustifikazzjoni relattiva għall-koerenza tas-sistema fiskali, billi l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dividendi u l-eżenzjoni ta' ismha mit-taxxa fuq il-kumpanniji, ikkunsidrati mill-Gverni-

33 — Sentenzi tat-28 ta' Jannar 1992, Bachmann (C-204/90, Ġabra p. I-249, punti 21 sa 28), u Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-300/90, Ġabra p. I-305, punti 14 sa 21).

jiet Olandiż u Taljan bħala kumplementari, u għalhekk, li neċessarjament għandhom jiġu applikati flimkien, sabiex tiġi ggarantita l-koerenza tas-sistema Olandiża, jirrigwardaw żewġ taxxi distinti u ma jirreferux formalment għall-istess persuna taxxabbli.

62. Madankollu, fis-sentenza Manninen, iċċitata iktar 'il fuq il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li naqqset ir-riġidità ta' l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' koerenza tas-sistema fiskali bbażata fuq il-kriterji ta' l-identiċità tat-taxxa u ta' l-identiċità tal-persuna taxxabbli, filwaqt li ammettiet, b'mod konformi ma' dak li kien ippropona l-Avukat Ġenerali Kokott, fil-konklużjonijiet tiegħu fl-istess kawża, li Stat Membru jista' jinvoka l-eżiġenza li jipproteġi l-koerenza tas-sistema fiskali tiegħu anke jekk f'dak il-każ ma setgħux jiġu applikati l-imsemmija żewġ kriterji [34].

63. B'referenza għall-imsemmija ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Olandiż isostni li l-każ preżenti jinvolvi żewġ eżenzjonijiet korrelati, li minnhom waħda tikkostitwixxi l-iżvilupp ta' l-oħra, u li, minkejja li formalment jirreferu għal żewġ taxxi distinti (taxxa fuq id-dividendi u taxxa fuq il-kumpanniji), mill-aspett sostantiv, jirrigwardaw pagament ta' taxxa waħda, minħabba li taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi mħallsin tikkostitwixxi biss ħlas bil-quddiem tat-taxxa li għandu jiġi kkumpensat bis-sħiħ bit-taxxa fuq il-kumpanniji u jiggravaw fil-fatt fuq l-istess persuna taxxabbli (l-azzjonista li jirċievi d-dividendi).

64. Anke jekk jġi ammess li ż-żewġ eżenzjonijiet in kwistjoni jikkonċernaw b'mod sostantiv l-istess persuna taxxabbli u l-istess pagament fiskali, għad irid jiġi aċċertat li teżisti neċessità effettiva li tiġi ppreservata l-koerenza tas-sistema fiskali Olandiża fid-dawl ta' l-għan tal-leġiżlazzjoni in kwistjoni.

65. Issa, kif sostnew il-Gvern Olandiż u dak Taljan, l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn għall-imsemmija dividendi nazzjonali tidher neċessarja għall-preservazzjoni tal-koerenza tas-sistema fiskali Olandiża għaliex, mingħajrha, l-eżenzjoni korrelattiva ta' ismha mit-taxxa fuq il-kumpanniji tkun ippreġudikata — anke jekk b'mod temporanju — sal-mument tal-kumpensazzjoni tat-taxxa fuq id-dividendi bit-taxxa fuq il-kumpanniji. Jidher evidenti li s-sistema Olandiża mfissra f'dawn it-termini, għandha bħala skop il-kisba ta' "sempliċi simplifikazzjoni amministrattiva", li fiha nfisha ma tista' fl-ebda każ tiġġustifika trattament diskriminatorju li jmur kontra l-libertajiet fundamentali.

66. Madankollu, il-Gvern Olandiż ma jurix, b'liema mod il-koerenza tas-sistema fiskali

34 — Punti 45 u 46 tas-sentenza, kif ukoll, b'mod partikolari, il-punti 54 sa 57 tal-konklużjonijiet.

tiegħu tiġi kompromessa jekk l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dividendi kellha tiġi rikonoxxuta anke lill-azzjonisti li mhumiex residenti li, minkejja li mhumiex suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji fl-Olanda, huma, kif muri qabel, f'sitwazzjoni simili għal dik tar-residenti għal dak li jirrigwarda t-tassazzjoni tad-dividendi u l-eventwali vantaġġi fiskali konnessi ma' l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja. Minflok, huwa ċar, li l-iskop tal-leġiżlazzjoni in kwistjoni, jiġifieri li tiġi evitata t-tassazzjoni doppja tal-profitti mqassma bħala dividendi, jista' bl-istess mod jinkiseb mingħajr ma jkun neċessarja li ssir diskriminazzjoni fil-konfront ta' l-azzjonisti li mhumiex residenti, billi tiġi rikonoxxuta lilhom l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn kif iseħħ fil-konfront ta' l-azzjonisti residenti, mingħajr ma tiġi kompromessa l-koerenza tas-sistema fiskali Olandiża.

67. Minn dak li ntqal jirriżulta li l-argumenti invokati mill-Gvernijiet intervenjenti ma jistgħux jiġġustifikaw restrizzjoni, li tirriżulta mis-sistema fiskali in eżami, fuq il-movimenti ta' kapital.

68. Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun fis-sens li d-dispożizzjonijiet relattivi għall-moviment liberu tal-kapital jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali — ikkunsidrata mingħajr ma jiġu meqjusa l-effetti ta' ftehim eventwali fuq it-tassazzjoni doppja applikabbli — li teżonera mit-taxxa f'ras il-għajn id-dividendi mħallsa minn kumpannija Olandiża lil kumpanniji stabbiliti fl-Olanda, fil-waqt li tissuġġetta għal tali taxxa d-dividendi mħallsa lil kumpanniji li la għandhom uffiċċju rreġistrat u lanqas stabbiliment permanenti hemmhekk.

B — *Dwar it-tieni domanda*

69. Bit-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk, fl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Olandiża in kwistjoni mal-prinċipji Komunitarja fil-qasam ta' moviment liberu tal-kapital, huwiex importanti l-fatt li kumpannija mhux stabbilita fl-Olanda, jew li m'għandhiex stabbiliment permanenti hemmhekk, tista' tnaqqas fil-pajjiż ta' residenza tagħha t-taxxa f'ras il-għajn kollha applikata fl-Olanda fuq id-dividendi mqassma minn kumpannija Olandiża.

70. *In limine*, għandu jiġi osservat li l-qorti tar-rinviju ma tispeċifikax abbażi ta' liema dispożizzjonijiet kumpannija bħal Amurta tista' tgawdi fil-pajjiż ta' residenza tagħha (il-Portugall) minn *"full credit"* (jew kreditu ta' taxxa totali) bħala kumpens għat-taxxa f'ras il-għajn applikata fl-Olanda.

71. Għalhekk, qabel xejn, ser nipproċedi billi nanalizza x'importanza jista' jkollu fl-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni Olandiża in kwist-

joni, il-fatt li *"full credit"* jingħata lill-azzjonista li mhuwiex residenti abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż ta' residenza tiegħu, u mbagħad se nieħu in kunsiderazzjoni l-ipoteżi li kreditu ta' taxxa simili, jiġi għall-kuntrarju rikonoxxut abbażi tad-DTA konkluż bejn l-Olanda u l-Portugall.

1. L-importanza ta' *"full credit"* (kreditu ta' taxxa totali) previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' l-Istat ta' residenza tal-persuna taxxabbli interessata.

72. Fl-opinjoni tiegħi, meta semmiet l-eżistenza ta' eventwali *"full credit"* li jikkumpensa t-taxxa f'ras il-għajn Olandiża fuq id-dividendi riċevuti minn Amurta, il-qorti tar-rinviju għamlet referenza b'mod ġeneriku għall-possibbiltà li minnha din ta' l-aħħar tista' x'aktarx tibbenefika abbażi tal-leġiżlazzjoni Portugiża. Fil-fatt, fis-silta relevanti tad-digriet tar-rinviju, il-qorti nazzjonali tirrileva li, abbażi ta' dak li ġie ddikjarat minn Amurta fl-osservazzjonijiet tagħha, teżisti fil-Portugall dispożizzjoni simili għal dik Olandiża li tipprovdi għar-rimbors tat-taxxa fuq id-dividendi meta fuq tali dħul ma tkunx dovuta taxxa fuq il-kumpanniji (sistema ta' *"full credit"*). L-imsemmija qorti tar-rinviju minn tali ċirkustanza tikkonkludi li, fil-każ preżenti, it-taxxa f'ras il-għajn Olandiża tiġi probabilment ikkumpensata fil-Portugall abbażi ta' l-imsemmi mekkaniżmu ta' *"full credit"*.

73. Għall-kuntrarju, f'din il-kawża, Amurta, ċaħdet l-eżistenza ta' *"full credit"* potenzjali, bħal dak deskritt mill-qorti tar-rinviju fid-digriet, u li minnu Amurta tista' tibbenefika fil-Portugall biex tiġi kkumpensata t-taxxa mħallsa applikata fil-konfront tagħha fl-Olanda fuq id-dividendi riċevuti hemmhekk. Skond Amurta, anke fil-Portugall, teżisti sistema ta' *"participation exemption"* simili għal dik Olandiża, li abbażi tagħha huwa eżenti mit-taxxa fuq il-kumpanniji d-dħul minn ismha. B'konsegwenza ta' dan, ma jista' jkun hemm l-ebda kumpens tat-taxxa mħallsa fuq id-dividendi fl-Olanda bit-taxxa fuq il-kumpanniji fil-Portugall, minħabba li hemmhekk din it-taxxa mhijiex dovuta.

74. Jekk l-interpretazzjoni ta' Amurta tiġi kkunsidrata bħala korretta, minħabba fost affarijiet oħra, il-lakuni fid-deċiżjoni ta' rinviju li minnha ma jistgħux jiġu dedotti elementi utili oħra fuq tali punt, it-tieni domanda magħmulha lill-Qorti tal-Ġustizzja hija ta' natura purament ipotetika.

75. F'tali każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tkunx kompetenti biex tagħti risposta għall-imsemmija domanda preliminari, minħabba li skond ġurisprudenza magħrufa sew "ir-ratio tad-domanda preliminari, u għalhekk tal-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma tikkonsistix fl-espressjoni ta' pariri ta' natura konsultattiva fuq domandi ġenerali jew ipotetiċi [...], iżda fin-neċessità li tiġi deċiża b'mod konkret il-kontroversja" [35].

35 — Ara s-sentenza Lenz, iċċitata iktar 'il fuq, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata.

76. F'kull każ, fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra fi kwalunkwe każ opportun li tesprimi ruħha fuq it-tieni domanda mressqa quddiemha mill-qorti tar-rinviju, fl-opinjoni tiegħi hija għandha tirrispondi bil-mod ġej.

77. Ma jidhirlix li tista' tingħata xi importanza lil vantaġġ fiskali, indipendentement mill-ammont u l-effettività tiegħu, li huwa bbażat fuq leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru, għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni tal-kompatabbiltà tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor fir-rigward tal-prinċipji Komunitarji.

78. Fl-opinjoni tiegħi, fil-fatt mhuwiex possibbli li jitqies li, f'każ bħal dak in eżami, l-effetti diskriminatorji li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni nazzjonali fil-konfront ta' persuna taxxabbli jistgħu jiġu newtralizzati mill-vantaġġi rikonoxxuti lilu abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membur ieħor. Li jiġi ammess il-kuntrarju, ikun ifisser, essenzjalment, li jiġi permess lil Stat Membru li jinjora l-obbligi imposti fuqu mid-dritt Komunitarju, u l-osservanza tagħhom tkun tiddependi mill-effetti eventwali ta' leġiżlazzjoni nazzjonali oħra, li tista' tiġi emendata f'kull mument u b'mod unilaterali mill-Istat li jkun ippromulga l-imsemmija leġiżlazzjoni. F'ipoteżi simili, ma jkun hemm l-ebda ċertezza legali dwar l-osservanza minn Stat Membru tal-proojbizzjoni ta' diskriminazzjoni arbitrarja msemmija fl-Artikoli 56 KE u 58 KE [36].

79. Min dak li ġie osservat s'issa, jirriżulta li għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Olandiża fir-rigward ta' tassazzjoni tad-dividendi, ma jista' jkollu l-ebda importanza l-fatt li kumpannija bħal Amurta tiddisponi minn *"full credit"* fil-pajjiż ta' residenza tagħha, abbażi tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ hemmhekk, li eventwalment jippermetti li tiġi kkumpensata t-taxxa Olandiża mħallsa fuq id-dividendi riċevuti mill-imsemmija kumpannija fl-Olanda.

2. L-importanza tal-ftehim fuq it-tassazzjoni doppja u l-effetti reali tad-DTA relevanti

80. Fl-opinjoni tiegħi, min-naħa l-oħra tintlaħaq soluzzjoni differenti minn dik tal-punt preċedenti, fil-każ fejn in-newtralizzazzjoni ta' l-effetti diskriminatorji ta' leġiżlazzjoni

36 — Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja sistematikament irrespinġiet l-argument li trattament fiskali sfavorevoli li jmur kontra libertà fundamentali jista' jiġi ġġustifikat bl-eżistenza ta' vantaġġi fiskali oħra, dejjem jekk tali vantaġġi jeżistu. Għal dak li jirrigwarda t-trattamenti fiskali nazzjonali eżaminati b'referenza a) għall-moviment liberu tal-ħaddiema, is-sentenza de Groot, iċċitata iktar 'il fuq, punt 97; b) għal-libertà ta' stabbiliment, ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tat-28 ta' Jannar 1986, Il-Kummissjoni vs Franza, punt 21, Asscher, punt 53, u Saint Gobain ZN, punt 54; c) għall-moviment liberu tal-kapital, is-sentenza Verkooijen, punt 61.

nazzjonali tiġi assigurata bi tqassim adegwat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri permezz ta' ftehim internazzjonali kontra t-tassazzjoni doppja. Dan jirriżulta mill-fatt li t-teħid in kunsiderazzjoni ta' l-effetti konkreti ta' DTA fuq is-sitwazzjoni ta' persuna taxxabli sabiex jiġi aċċertat jekk f'każ speċifiku teżistix restrizzjoni għal-libertajiet ta' moviment iggarantiti mit-Trattat, ma jiġġustifikax l-iżvantaġġ diskriminatorju, li l-persuna taxxabbli interessata tbati minħabba l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, u mis-sussegwenti kumpens ta' tali żvantaġġ b'vantaġġ inċert li m'għandux x'jaqsam ma' l-ewwel wieħed u li huwa bbażat fuq leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor li tista' tiġi emendata f'kull mument minn dan l-Istat imsemmi l-aħħar. Bil-kontra, il-fatt li tingħata importanza lill-effetti konkreti ta' DTA fuq is-sitwazzjoni ta' persuna taxxabbli, jippermetti qabel xejn li tittieħed in kunsiderazzjoni "r-realtà ekonomika ta' l-attività tal-persuna taxxabbli u ta' l-eventwali inċentivi marbuta mal-kuntest transkonfini" li fih japplika [37], iżda wkoll, u fuq kollox, li jiġi kkunsidrat kif l-Istati Membri assiguraw irrispett tal-libertajiet fundamentali permezz ta' tqassim adegwat tas-setgħa ta' tassazzjoni tagħhom, billi assumew *impenji reċiproċi bbażati fuq att vinkolanti għalihom.* B'tali mod, minkejja li tingħata importanza lill-fakoltà ta' l-Istati Membri li jistabbilixxu liberament, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni Komunitarja, il-kriterji ta' tqassim tal-kompetenzi fiskali tagħhom sabiex tiġi eliminata t-tassazzjoni doppja, dan ma jagħtix lok għal sitwazzjoni ta' inċertezza legali fir-rigward ta' l-osservanza ta' l-obbligi Komunitarji li huma marbutin li josservaw.

81. Dan huwa possibbli jekk jiġu rispettati żewġ kundizzjonijiet fundamentali. Fl-ewwel lok, għandu jiġi vverifikat li, f'dan il-każ, it-trattament kumplessiv li hija suġġetta għalih persuna taxxabbli abbażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' DTA, huwa b'mod *konkret* konformi mal-prinċipji Komunitarji filqasam tal-moviment liberu. F'sitwazzjoni bħal dik in eżami, per eżempju, l-"Istat ta' oriġini" jista' jiżgura permezz ta' DTA, li l-persuni taxxabbli residenti u dawk mhux residenti li jinsabu f'sitwazzjoni simili, jibbenefikaw mill-istess vantaġġi fir-rigward ta' l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja. Fit-tieni lok, għandu jibqa' japplika l-obbligu ta' l-Istat li l-leġiżlazzjoni tiegħu tirriżulta kuntrarja fiha nfisha għall-prinċipji Komunitarji, li jiżgura n-newtralizzazzjoni ta' tali effetti ħżiena tal-leġiżlazzjoni tiegħu, mingħajr ma l-imsemmi Stat jista' jinvoka n-nuqqas talparti kontraenti l-oħra li taderixxi mad-DTA sabiex jaħrab mill-obbligi imposti fuqu abbażi tat-Trattat [38].

82. Waslet ukoll għal soluzzjoni simili, dwar l-importanza li għandha tingħata DTA, anke l-Qorti tal-Ġustizzja li sostniet li, sabiex tingħata interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li tkun utli għall-qorti nazzjonali, huwa neċessarju li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' DTA meta l-imsemmija qorti

37 — Ara l-punti 33 sa 38 tal-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Geelhoed ippreżentati fis-27 ta' April 2006 fil-kawża deċiża bis-sentenza Denkavit Internationaal u Denkavit France, iċċitata iktar 'il fuq, u l-konklużonijiet tiegħi ppreżentati fid-29 ta' Marzu 2007 fil-kawża Columbus Container Services (C-298/05, pendenti quddiem 'il Qorti tal-Ġustizzja, punt 47).

38 — F'dan ir-rigward, ara l-punti 39 sa 43 tal-konklużjonijiet ippreżentati fil-kawża Denkavit Internationaal u Denkavit France.

tippreżentah bħala li jagħmel parti mill-kuntest leġiżlattiv applikabbli għall-kawża prinċipali [39].

83. B'referenza għall-każ preżenti, kif rajna qabel, il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar l-importanza ta' *"full credit"* li wisq probabbli Amurta tibbenefika minnu fil-Portugall, mingħajr, madankollu, ma tiċċara jekk l-imsemmija possibbiltà tirriżultax mill-applikazzjoni tad-DTA rilevanti konkluża bejn il-Portugall u l-Olanda.

84. Il-Gvern Olandiż, dak Taljan, u dak Britanniku huma ta' l-opinjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu in kunsiderazzjoni tali DTA fl-evalwazzjoni tagħha tal-komptabbiltà tal-leġiżlazzjoni Olandiża in kwistjoni mal-prinċipji dwar il-moviment liberu tal-kapital.

85. Fl-opinjoni tiegħi, kif diġà ċċarajt, madankollu, ma hemm ebda element fid-digriet tar-rinviju li minnu jista' jiġi konkluż li l-qorti tar-rinviju kellha l-intenzjoni tagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-DTA konkluż bejn il-Portugall u l-Olanda, filwaqt li jidher li għamlet referenza biss, b'mod ġeneriku, għal-leġiżlazzjoni nazzjonali Portugiża meta indikat l-eżistenza ta' *"full credit"* possibbli [40].

86. Għalhekk, se neżamina biss b'mod sussidjarju, l-effetti konkreti tad-DTA rilevanti għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni tal-komptabbiltà tal-leġiżlazzjoni Olandiża in kwistjoni, f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-Qorti nazzjonali għamlet referenza għall-imsemmi DTA fir-referenza għall-eżistenza ta' *"full credit"* u li dan ta' l-aħħar, jagħmel parti mill-qafas leġiżlattiv li fuqu l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi.

87. Issa, sabiex jinnewtralizza b'mod konkret l-effetti tal-leġiżlazzjoni Olandiża in kwistjoni, li kif ġie aċċertat iktar 'il fuq, hija diskriminatorja bi żvantaġġ għal dawk li mhumiex residenti, id-DTA rilevanti għandu jipprovdi għal tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn il-partijiet kontraenti li jkun tali li jannulla b'mod konkret l-iżvantaġġ li jkollhom dawk li mhumiex residenti minħabba t-taxxa f'ras il-għajn applikata fil-konfront tagħhom fl-Olanda. Dan ikun possibbli biss permezz ta' l-eliminazzjoni totali fil-Portugall ta' l-effetti ta' tali taxxa, u ċioè permezz ta' l-imputazzjoni sħiħa tat-taxxa f'ras il-għajn fuq id-dividendi, imposta fl-Olanda, fuq it-taxxa fuq il-kumpanniji li altrimenti

39 — Ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Manninen, punt 21; tad-19 ta' Jannar 2006, Bouanich, punt 51; Test Claimants in Class IV of the Act group litigation, punt 71, u Denkavit Internationaal u Denkavit France, punt 45.

40 — Barra minn hekk, pożizzjoni sostnuta mill-Awtorità EFTA.

tkun dovuta fil-Portugall fuq l-imsemmija dividendi. Teknikament huwa l-hekk imsejjaħ *"full credit"*, jew kreditu ta' taxxa totali, li l-pajjiż ta' residenza tal-persuna taxxabbli interessata (il-Portugall) jagħti biex tiġi kkumpensata t-taxxa f'ras il-għajn pagabbli fuq id-dividendi fl-"Istat ta' oriġini" (l-Olanda) [41].

88. L-Artikolu 24 tad-DTA in kwistjoni jipprovdi, minflok, sistema ta' kreditu ordinarju, jew parzjali, u ċioè jippermetti lill-persuna taxxabbli li tnaqqas it-taxxa fuq id-dividendi applikata fil-konfront tagħha fl-Olanda fil-limiti ta' l-ammont li altrimenti kien ikun dovut fil-Portugall, bħala taxxa fuq il-kumpanniji, fuq il-profitti riċevuti taħt il-forma ta' dividendi barranin [42]. F'tali każ, kumpannija Portugiża bħal Amurta tkompli tbati parzjalment l-effetti tat-taxxa Olandiża mħallsa, kuntrarjament għal dak previst, skond il-leġiżlazzjoni Olandiża, fir-rigward ta' kumpannija residenti hemmhekk li hija totalment eżentata mit-tassazzjoni doppja tad-dividendi riċevuti fl-Olanda. Għaldaqstant, il-benefiċċji mogħtija lill-kumpanniji li m'għandhomx uffiċċju rreġistrat fl-Olanda m'humiex ekwivalenti għal dawk rikonoxxuti lill-kumpanniji residenti hemmhekk li jinsabu f'sitwazzjoni simili fir-rigward ta' l-effetti tat-tassazzjoni doppja tad-dħul minn ismha f'kumpanniji Olandiżi, bil-konsegwenza li l-leġiżlazzjoni Olandiża in kwistjoni tkompli tikkonkretizza diskriminazzjoni arbitrarja pprojbita mill-Artikoli 56 KE u 58 KE.

89. Fl-aħħar, kieku kellu jiġi aċċertat li fil-Portugall hemm fis-seħħ sistema ta' *"participation exemption"*, li abbażi tagħha d-dħul minn ismha huwa eżenti mit-taxxa fuq il-kumpanniji, anke jekk jiġi ammess li d-DTA rilevanti jipprovdi għal kreditu ta' taxxa totali, Amurta ma tistax tibbenefika minnu b'mod konkret billi, kif diġà ġie osservat, ma tkun dovuta l-ebda taxxa fil-Portugall fuq il-profitti minn ismha li biha tista' tiġi kkumpensata t-taxxa Olandiża fuq id-dividendi mħallsa.

90. Madankollu hekk kif affermat il-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-qorti nazzjonali li għandha tinterpreta d-dritt nazzjonali rilevanti, u għalhekk, tivverifika jekk, f'dan il-każ, it-trattament komplessiv li għalih hija suġġetta kumpannija li mhijiex residenti abbażi ta' l-eżerċizzju tas-setgħa ta' tassazzjoni b'mod kollettiv, hekk kif imqassma, skond ftehim, bejn l-"Istat ta' oriġini" u l-Istat ta' residenza, huwiex anqas favorevoli minn dak iggarantit lill-kumpanniji residenti [43].

41 — Soluzzjoni simili fil-kawża Denkavit Internationaal u Denkavit France, punti 54 sa 56.

42 — Permezz tal-mekkaniżmu tal-kreditu parzjali ta' taxxa, newtralizzazzjoni ta' l-effetti tat-taxxa f'ras il-għajn Olandiża hija ipotizzabbli esklużivament fil-każ ta' applikazzjoni ta' l-istess rata ta' taxxa kemm fl-Olanda, kif ukoll fil-Portugall, bil-konsegwenza li t-taxxa Olandiża tkun ta' ammont identiku għat-taxxa fuq il-kumpanniji Portugiżi applikabbli għad-dividendi Olandiżi, u, għalhekk kompletament kumpensabbli b'din ta' l-aħħar.

43 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bouanich, punt 51.

IV — Konklużjoni

91. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti hawn fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula lilha mill-Gerechtshof te Amsterdam kif ġej:

"1) L-Artikoli 56 KE u 58 KE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali — ikkunsidrata mingħajr ma jiġu meqjusa l-effetti ta' ftehim eventwali fuq it-tassazzjoni doppja applikabbli —, li teżonera mit-taxxa f'ras il-għajn id-dividendi mħallsa minn kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fl-Olanda lil kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat fl-istess Stat, filwaqt li tissuġġetta għal din it-taxxa d-dividendi mħallsa lil kumpanniji li la għandhom uffiċċju rreġistrat u lanqas stabbiliment permanenti hemmhekk.

2) Għall-finijiet tar-risposta għall-ewwel domanda, b'ebda mod ma hija rilevanti l-kwistjoni jekk kumpannija li m'għandhiex uffiċċju rreġistrat, jew stabbiliment permanenti fl-Olanda, tistax tibbenefika fil-pajjiż ta' residenza tagħha, abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' dan ta' l-aħħar, minn kreditu ta' taxxa totali (*"full credit"*) biex tiġi kkumpensata t-taxxa Olandiża fuq id-dividendi, anke jekk l-imsemmija possibbiltà teżisti."